VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,022, 25 ta' Jannar, 2013
Taqsima B

A.L. 35 tal-2013

ORDINANZA DWAR ID-DFIN
(KAP. 17)
Ordni tal-2013 li jemenda l-Ordni tal-2013 li jemenda l-Ordni dwar il-Prezz li għandu jitħallas għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti għal Oqbra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar id-Dfin, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment u l-Ministru għal Għawdex għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2013 li jemenda l-Ordni tal-2013 li jemenda l-Ordni dwar il-Prezz li għandu jitħallas għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti għal Oqbra, u dan l-Ordni għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Ordni tal-2013 li jemenda l-Ordni dwar il-Prezz li għandu jitħallas għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti għal Oqbra, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali". A.L. 32 tal-2013

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fit-18 ta' Jannar, 2013.

Jissostitwixxi l-preambolu tal-Ordni prinċipali.

2. Il-preambolu tal-Ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

> "BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar id-Dfin, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment u l-Ministru għal Għawdex għamel dan l-ordni li ġej:-".